MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 360/2015

**Alsons Limited**

**Vs**

**Tony Brignoli (K.I. 337473M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici datat 14 ta' Mejju, 2015 fejn iddikjaraw:

Illi s-Socjeta' attrici suppliet a sodisfazzjon tal-konvenut merce kif mitluba, u spjegat fl-invoice no. 2801 datat 10 t'Ottubru, 2012 kopja ta' liema hija hawn annessa bhala dokument 'A'.

Illi ghalkemm l-oggetti kienu accettati mill-konvenut, u l-istess konvenut dejjem wieghed li ser ihallas u filfatt hallas diversi ammonti sallum ghadu ma saldax il-kontijiet tieghu u ghandu jhallas il-bilanc dovut bl-imghax mill-25 ta' Novembru, 2014 sal-pagament effettiv bl-ispejjez legali kollha.

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas il-bilanc ta' mitejn u sitta u erbghin Ewro (€246) konsistenti (a) l-ammont ta' mitejn u sittax-il Ewro (€216) bilanc fuq l-oggetti konsenjati; (b) kif ukoll is-somma ta' tletin Ewro (€30) spejjez t'ittra 'nterpellatorja mibghuta fil-25 ta' Settembru, 2014;

Bl-ispejjez gudizzjarji u legali u kif ukoll imghaxijiet skont il-ligi mill-25 ta' Novembru, 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut huwa ngunt in Subizzjoni.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit-23 ta' Gunju, 2015 mill-Avukat Dr Mario Camilleri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi t-talba giet sufficjentament ippruvata u l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqtstant jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba fl-ammont ta' mitejn u sitta u erbghin Ewro (€246) bl-imghax u bl-ispejjez hekk kif indikati fl-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------